# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-VI Ħadd tal-Għid

Sena A

**Introduzzjoni**

Il-ferħ tal-Għid tal-Mulej għadna nħossuh tal-lum. F'dan is-Sitt Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex inkomplu nesprimu l-ferħ ta' dan il-misteru hekk kbir. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 8, 5-8.14-17)

Permezz tat-tqegħid tal-idejn, l-ewwel appostli kienu jwasslu d-don tal-Ispirtu s-Santu.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 65 (66), 1-3a.4-5.6-7a.16.20.)

Għajtu bil-ferħ lil Alla, bnedmin tad-dinja kollha

*jew*

Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Piet 3, 15-18)

Kristu miet għalina biex iressaqna lejn Alla.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 14, 15-21)

Min iħobb il-kmandamenti, iħobb lil Alla.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Aktar ma nwettqu l-ħidmiet tagħna bil-ferħ u bl-imħabba, aktar nersqu qrib lejn Alla. Ejjew f'dan il-mument noffru l-frott ta' dawn il-ħidmiet tagħna għall-glorja ta' Alla.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Meta nirċievu lil Alla fl-Ewkaristija, nersqu aktar qrib tiegħU.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.